MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 132/2006

**Avviz numru 132/06DM**

**John Micallef Builders Limited (C16975)**

**Vs**

**Jesmond Mangion fil-kwalita' ta' President, Victor Attard fil-kwalita' tieghu ta' Vici President, Antoine Attard fil-kwalita' tieghu ta' Tezorir ilkoll ghan-nom u fl-interess ta' Hamrun Spartans FC**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti ghan-nom u in rapprezentanza tal-Hamrun Spartans Football Club, ghall-hlas tas-somma ta' erbat elf, mija u erbgha u tletin lira u hdax-il centezmu (Lm4,134.11) rapprezentanti l-prezz ta' xogholijiet maghmula mis-socjeta' rikorrenti fuq ordinijiet ta' l-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 12237/05.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni aprovati minn din il-Qorti fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006;

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa ta' rispettivament President, Vici President u Tezorier tas-socjeta' Hamrun Spartans FC sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erbat elf, mija u erbgha u tletin lira Maltin u hdax il-centezmi (Lm4,134.11) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------